

Brussell, 19 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15663/25

FISC 331
ECOFIN 1554

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 695 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL <i>dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 695 final.

Mehmuż: COM(2025) 695 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.11.2025
COM(2025) 695 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

*dwar l-**evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE** dwar il-kooperazzjoni
amministrattiva fil-qasam tat-taxxa*

{SWD(2025) 365 final}

1. Introduzzjoni

L-UE tibqa' impenjata li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa transfruntiera sabiex tiżgura li jitħallas is-sehem ġust tat-taxxi fl-UE. Dan jirrikjedi kooperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

Ir-regoli tat-tassazzjoni diretta huma regolati l-aktar fil-livell nazzjonali, iżda n-negozji li joperaw f'ekonomija globalizzata għandhom opportunitajiet akbar biex jisfruttaw l-inkonsistenzi bejn ir-regoli sabiex jittrasferixxu l-profitti u jevitaw it-tassazzjoni, u b'hekk jagħmlu ħsara lill-bażijiet tat-taxxa ta' pajjiżi oħrajn. Iż-żieda fil-mobbiltà tan-nies u tal-kapital għamlitha aktar faċli għall-individwi biex jaħdmu u biex jinvestu fi Stati Membri oħrajn tal-UE. Dan ix-xenarju li qed jevolvi jippreżenta sfidi kontinwi għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa minħabba li l-kontribwenti fl-UE huma normalment meħtieġa jiddikjaraw l-introjtu globali tagħhom fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali ma jistgħux jaġixxu waħedhom b'mod effettiv f'ċirkostanzi bħal dawn, għalhekk, hija meħtieġa kooperazzjoni madwar l-UE kollha.

Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE (id-DAC jew [id-DAC1](#)), sar progress konsiderevoli biex l-Istati Membri jiġu pprovduti b'għodod armonizzati komprensivi biex jiġi żgurat li jkun jistgħu jikkooperaw b'mod effiċjenti fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Dawn l-għodod jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni (fuq talba, awtomatiku u spontanju) kif ukoll strumenti ta' kooperazzjoni oħrajn (preżenza f'uffiċċji amministrattivi jew matul investigazzjonijiet amministrattivi, kontrolli simultanji u awditi konġunti).

L-introduzzjoni ta' **skambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI, automatic exchange of information)** jiġifieri l-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel mill-amministrazzjoni tat-taxxa ta' Stat Membru lill-amministrazzjoni tat-taxxa ta' Stat Membru ieħor mingħajr talba minn qabel **hija wieħed mill-aktar żviluppi sinifikanti fil-kooperazzjoni amministrattiva.**

L-UE kienet minn ta' quddiem f'dan ir-rigward u, mill-1 ta' Jannar 2015, ġiet skambjata informazzjoni awtomatikament, dwar ħames kategoriji ta' introjtu u kapital, jiġifieri introjtu mill-impjiegi, mill-pensjonijiet, mit-tariffi tad-diretturi, mill-prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, u mis-sjieda tal-proprjetà immobbli u l-introjtu minnha (DAC1)¹. Fil-prinċipju, din hija informazzjoni li l-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkollhom fis-sistemi tagħhom u, xi ftit jew wisq, hija faċilment disponibbli għalihom. Minn dak iż-żmien, id-DAC ġiet emendata sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI, automatic exchange of information) jiġi estiż, f'konformità mal-iżviluppi internazzjonali, sabiex jinkludi: (i) informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji ([DAC2](#))²; (ii) deċiżjonijiet transfruntieri tat-taxxa u ftehimiet preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment ([DAC3](#))³; (iii) rapporti pajjiż b'pajjiż (CbCR, country-by-country reports) ([DAC4](#))⁴; (iv) arranġamenti transfruntieri rapportabbli li jindikaw evitar potenzjali tat-taxxa

¹ L-ewwel skambju tad-DAC1 AEOI sa 30. 6. 2015 għas-sena 2014.

² L-ewwel skambji tad-DAC2 sat-30. 9. 2017 għas-sena 2016.

³ L-ewwel skambji tad-DAC3 sat-30. 9. 2017, direttorju ċentrali li ilu jintuża minn Jannar 2018.

⁴ L-ewwel skambji tad-DAC4 sat-30. 6. 2018 għas-sena 2016.

(DAC6)⁵; (v) introjtu riċevut mill-użu tal-pjattaformi (DAC7)⁶; u (vi) kriptoaSSI u flus elettroniċi (DAC8)⁷. Emendi oħrajn taw l-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa biex jaċċessaw ċerta informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (DAC5) u, estendew il-kamp ta' applikazzjoni tal-AEOI biex jinkludu royalties, dividendi mhux ta' kustodja u deċiżjonijiet transfruntieri relatati mal-individwi. L-aħħar emenda (DAC9)⁸ tipprevedi l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġ mid-[Direttiva dwar it-Tieni Pilastru](#).

L-espansjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tal-AEOI wara d-DAC1 kienu akkumpanjati mill-introduzzjoni ta' **obbligi ta' rapportar armonizzati** għal kategoriji speċifiċi ta' entitajiet (eż. istituzzjonijiet finanzjarji, kumpaniji multinazzjonali, intermedjarji tat-taxxa, operatori ta' pjattaformi diġitali, eċċ.) li huma meħtieġa jikkondividu l-informazzjoni mal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom sabiex ikunu jistgħu, min-naħa tagħhom, jiskambjawha bejniethom. L-informazzjoni tiġi skambjata bejn l-Istati Membri bl-użu ta' **skemi komuni tal-IT u infrastrutturi komuni tal-IT** li jiġu pprovduti mill-Kummissjoni, u li jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-privatezza. Filwaqt li l-informazzjoni ġeneralment tiġi skambjata fuq bażi bilaterali, sa fejn huma kkonċernati d-DAC3, id-DAC6 u d-DAC8, l-informazzjoni tiġi skambjata permezz ta' direttorju ċentrali li għalih għandhom aċċess l-Istati Membri kollha.

2. Konklużjonijiet tal-evalwazzjoni

L-Artikolu 27 tad-DAC jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull 5 snin mill-1 ta' Jannar 2013.

Fi tmim l-2017, il-Kummissjoni ppubblikat [l-ewwel rapport pluriennali tagħha dwar id-DAC](#). Dan ġie segwit minn [rapport dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni f' Diċembru 2018](#). Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel [evalwazzjoni](#) komprensiva tad-DAC fl-2019, li tkopri l-perjodu mill-2013 sal-2017. Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni kienu li (i) id-dispożizzjonijiet tad-DAC ġew implimentati, iżda mhux il-miżuri kollha ġew implimentati b'mod effettiv; (ii) l-iskambju ta' informazzjoni skont id-DAC kien żied b'mod sinifikanti l-ammont ta' data disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, iżda l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġaw din id-data ma kinitx żdiedet bl-istess rata; u (iii) il-valutazzjoni tal-benefiċċji kienet estremament limitata minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni statistika disponibbli.

Dan it-tieni rapport ta' evalwazzjoni jkopri l-perjodu mill-**2018** sal-**2023**. Dan huwa appoġġat minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah (id-[Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni](#)) li huwa bbażat fuq is-sejbiet ta' [studju](#) estern, ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u mmirati mwettqa mill-Kummissjoni, id-data pprovduta mill-Istati Membri u inputs oħrajn bħall-eżitu tal-ħidma rilevanti mwettqa skont il-programm Fiscalis tal-Kummissjoni.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-evalwazzjoni jinkludi l-emendi kollha għad-**DAC sa u inkluża d-DAC6**. Hija pprovduta biss informazzjoni kwalitattiva għad-DAC7 minħabba li l-ewwel skambji rilevanti saru biss fi Frar 2024 u, għalhekk, l-informazzjoni statistika sħiħa għadha ma

⁵ L-ewwel skambji tad-DAC6 sal-31. 8. 2020.

⁶ L-ewwel skambju tad-DAC7 sad-29. 2. 2024 għas-sena 2023.

⁷ L-ewwel skambju tad-DAC8 sat-30. 9. 2027 għall-2026.

⁸ L-ewwel skambju tad-DAC9 mill-1. 12. 2026 għas-sena 2024.

hijjex disponibbli. Din l-evalwazzjoni ma tikkunsidrax l-emendi sussegwenti għad-DAC. Barra minn hekk, bħala riżultat tal-emendi għall-Artikolu 27(2) tad-DAC introdotti mid-DAC8, l-evalwazzjoni kurrenti tkopri wkoll ir-rilevanza tal-karatteristiċi tad-DAC6 għall-iskambju ta' informazzjoni dwar arranġamenti transfruntiera potenzjalment dannużi.

L-evalwazzjoni tikkonkludi li d-DAC tipprovdi **qafas legali robust**, li **qed jevolvi u relattivament aġli** li jiffaċilita **kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib** bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, il-mekkaniżmi tad-DAC ikkontribwew **b'mod effettiv u effiċjenti** għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiġġieldu l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Il-qafas ta' kooperazzjoni pprovdut mid-DAC jaħdem b'mod effiċjenti, iżda dan isir għad-detriment ta' **sforzi u investimenti kbar** min-naħa tad-diversi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u n-negozji. Id-DAC hija ġeneralment **koerenti** ma' inizjattivi rilevanti oħrajn tal-UE u internazzjonali, tipprovdi **valur miżjud tal-UE** meta mqabbla ma' soluzzjoni nazzjonali jew bilaterali u għadha **rilevanti** ħafna bħala intervent ta' politika.

Hawn taħt tingħata ħarsa ġenerali lejn **ir-riżultati ewlenin** tal-evalwazzjoni dwar kull wieħed mill-ħames kriterji ta' Regolamentazzjoni Aħjar.

Effettività

L-evalwazzjoni tikkonkludi li d-DAC iffaċilitat l-iskambju ta' **volumi sostanzjali ta' informazzjoni li qegħdin jitqabblu u jintużaw dejjem aktar mill-awtoritajiet tat-taxxa**, kemm għal skopijiet ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' kontroll, kif ukoll biex titrawwem il-konformità volontarja tal-kontribwenti, li għandha effett pożittiv fuq il-bażijiet tat-taxxa u d-dħul tal-Istati Membri.

Il-puntwalità, il-kompletezza u l-kwalità tal-informazzjoni huma t-tliet xprunaturi ewlenin tal-effettività, minħabba li jinfluwenzaw il-kapaċità tal-Istati Membri li jużaw l-informazzjoni riċevuta. L-analiżi turi li, speċjalment l-informazzjoni riċevuta mill-iskambji tad-DAC1 u tad-DAC2, ġeneralment tkun f'waqtha, kompluta u ta' kwalità tajba, filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tat-taxxa li jimmonitorjaw l-attivitajiet transfruntieri.

Fir-rigward tad-DAC3 u tad-DAC4, filwaqt li l-informazzjoni skambjata ġeneralment tkun f'waqtha, hemm xi kwistjonijiet relatati mal-kompletezza tal-informazzjoni, b'mod partikolari minħabba TINs mhux kompluti u dettall insuffiċjenti fis-sommarji tad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri. Ġew identifikati wkoll xi kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-kompletezza tal-informazzjoni tad-DAC6.

Effiċjenza

Id-DAC tippreżenta proporzjon pożittiv bejn il-kostijiet u l-benefiċċji, fejn **il-kostijiet assoċjati mad-DAC huma proporzjonati mal-benefiċċji ġenerati**.

Il-kostijiet ta' aġġustament rikorrenti annwali u **il-kostijiet amministrattivi** għall-operat tad-DAC huma stmati għal madwar **EUR 646 miljun** għall-partijiet ikkonċernati kollha (jiġifieri l-partijiet interessati privati u l-awtoritajiet tat-taxxa).

Parti kbira mill-kostijiet amministrattivi huma akkumulati min-negozji (**EUR 604 miljun**), bl-akbar sehem relatat mal-obbligi ta' rapportar tad-DAC2 (**EUR 550 miljun**). Il-kostijiet annwali fuq l-awtoritajiet tat-taxxa huma ta' madwar **EUR 42 miljun**, li l-parti l-kbira tagħhom hija marbuta mal-AEOI. Għall-awtoritajiet tat-taxxa, id-DAC1 u d-DAC2 jiġġeneraw l-ogħla kostijiet.

Il-benefiċċji ġenerali tad-DAC huma stmati għal madwar **EUR 6,8 biljun fis-sena**.

B'mod speċifiku, meta jitqiesu l-istimi ċentrali, l-AEOI skont id-DAC1 u d-DAC2 huwa stmat li jiġġenera madwar EUR 1,2 biljun fis-sena f'benefiċċji tat-taxxa tal-UE, filwaqt li d-DAC4 hija stmata li tikkontribwixxi għal EUR 5,6 biljun addizzjonali fis-sena fi dħul mit-taxxa. Dawn il-benefiċċji jmorru għand l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali.

Koerenza

L-evalwazzjoni tikkonkludi li d-DAC hija **ġeneralment** koerenti **ma' inizjattivi rilevanti oħrajn tal-UE** u li tikkomplementa l-oġġettivi ta' miżuri oħrajn tal-UE li jimmiraw lejn il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ([id-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus](#)) u l-frodi tal-VAT ([ir-Regolament tal-Kunsill \(UE\) 904/2010](#)). Hija tinnota wkoll li jistgħu jiġu esplorati aktar sinerġiji ma' dawk il-miżuri.

Id-DAC hija wkoll **allinjata b'mod ġenerali** mal-istandards tar-rapportar u mal-iskambju ta' informazzjoni żviluppata **fil-livell internazzjonali**. Dan l-allinjament jiżgura konsistenza fl-approċċ li jieħdu l-Istati Membri lejn il-konformità fiskali internazzjonali. Permezz tal-allinjament mal-istandards internazzjonali, id-DAC tiffaċilita l-integrazzjoni fi sforzi usa' ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, u b'hekk ittejjeb l-effettività tagħha fit-trażżin tal-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fuq skala globali.

Valur Miżjud tal-UE

Id-DAC tipprovdi **valur miżjud sostanzjali tal-UE** billi tistabbilixxi qafas armonizzat għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa li jisboq soluzzjonijiet nazzjonali jew bilaterali eżistenti oħrajn fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-effettività.

L-ewwel nett, id-DAC tiffaċilita l-kondiviżjoni komprensiva tad-data fost l-Istati Membri kollha, b'mod li jkun allinjat bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-[Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data](#) (GDPR, General Data Protection Regulation).

It-tieni, billi tawtorizza l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, id-DAC tiżgura li l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess għal informazzjoni kritika dwar it-taxxa. Dan inaqqas b'mod sinifikanti l-opportunitajiet għal strateġiji ta' evitar tat-taxxa li jisfruttaw id-disparitajiet bejn is-sistemi tat-taxxa nazzjonali u jsaħħu t-trasparenza madwar l-UE kollha.

It-tielet, l-infrastrutturi komuni tal-IT stabbiliti skont id-DAC jissimplifikaw il-proċessi ta' skambju, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-kostijiet u l-inefficiencies assoċjati ma' ftehimiet bilaterali. Din l-istruttura ssaħħa ukoll il-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa.

Fl-aħħar nett, b'rabta mal-istandards internazzjonali, id-DAC tiżgura approċċ ikkoordinat għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni li jissalvagwardja l-funzjonament tas-Suq Intern.

Rilevanza

Id-DAC tibqa' **rilevanti ħafna u kritika** għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, minħabba li hija għodda flessibbli li tippermetti l-integrazzjoni ta' oqsma ġodda għall-kooperazzjoni u skambji ġodda ta' informazzjoni meta tinholq il-ħtieġa.

Hekk kif l-ekonomiji jsiru dejjem aktar interkonnessi, jitfaċċaw mudelli ta' negozju ġodda u jipproliferaw pjattaformi diġitali, is-sistemi tat-taxxa tradizzjonali jiffaċċjaw ostakli ġodda fit-traċċar tal-introjtu u fl-iżgurar tal-konformità. Billi tevolvi b'mod kostanti biex tinkludi komponenti ġodda bħad-DAC7, li timmira lejn l-introjtu mill-pjattaformi diġitali, jew id-DAC8,

li tiżgura t-trasparenza fil-qasam tal-kriptoassi, id-Direttiva baqgħet rilevanti u effettiva fl-indirizzar tal-isfidi ġodda li ġabu magħhom ir-realtajiet ekonomiċi moderni.

Barra minn hekk, l-allinjament tad-DAC mal-istandards globali jiżgura li l-objettivi tad-DAC jikkomplementaw l-isforzi internazzjonali biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-konformità fiskali globali. Permezz ta' dan, id-DAC mhux biss ittejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jiġġieldu l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, iżda wkoll issaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fil-politika tat-tassazzjoni globali.

3. Tagħlimiet meħuda

L-evalwazzjoni enfasizzat it-tagħlimiet meħuda li ġejjin.

Il-qafas legali tad-DAC huwa robust, iżda l-frammentazzjoni tal-applikazzjoni madwar l-UE żżid il-piż amministrattiv fuq in-negozju

L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-qafas legali tad-DAC huwa robust, iżda li l-frekwenza tal-emendi mill-2011 għamlet it-test legali aktar kumpless u inqas faċli għall-utenti.

L-evalwazzjoni kurrenti hija l-ewwel opportunità għal analiżi fil-fond tad-DAC 6. Dan imbagħad wassal għall-biċċa l-kbira tal-feedback mill-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati privati u l-awtoritajiet tat-taxxa jaqblu li d-DAC6 hija l-aktar parti diffiċli tad-DAC biex tiġi applikata minħabba l-kumplessità tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni għal interpretazzjoni differenti mill-Istati Membri. Xi kwistjonijiet jistgħu jonqsu maż-żmien (eż. rapportar żejjed u nuqqas ta' rapportar), iżda probabbilment ma jisparixxux għalkollox minħabba nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-politika tat-tassazzjoni madwar l-UE. Għandu jiġi nnotat ukoll li xi dispożizzjonijiet (eż. "it-test tal-benefiċċju prinċipali" u xi karatteristiċi distintivi) ġew abbozzati b'mod wiesa' sabiex tiġi żgurata kopertura suffiċjenti tal-arranġamenti transfruntieri potenzjalment dannużi kollha. Dan johlq sfidi interpretattivi kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-intermedjarji, li jwasslu sabiex id-DAC tiġi applikata b'mod inkonsistenti u, għalhekk iwasslu għal kwistjonijiet ta' ċertezza legali u ta' kundizzjonijiet ekwi, li min-naħa tagħhom iżidu l-piż amministrattiv. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) enfasizzat ukoll l-applikazzjoni inkonsistenti tad-DAC6 fir-rapport speċjali tagħha ta' Novembru 2024 dwar "[Għieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi u kontra evitar tat-taxxa korporattiva](#)". Fl-aħħar nett, il-partijiet ikkonċernati fil-qasam tan-negozju u, sa ċertu punt, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jqisu li xi wħud mill-karatteristiċi distintivi tad-DAC6 ma għadhomx adegwati għall-użu tagħhom.

Il-qafas ta' penali għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rapportar skont id-DAC ivarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri

L-Artikolu 25a tad-DAC jirrikjedi li l-Istati Membri jimplementaw "penali effettivi, proporzjonati u dissważivi" għan-nuqqas ta' konformità mill-entitajiet legali li jirrapportaw u mill-persuni fiżiċi skont id-DAC2, id-DAC4 u d-DAC6.

Fir-rapport speċjali tagħha ta' Jannar 2021 dwar "[L-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa fl-UE](#)", il-QEA enfasizzat ir-riskju li l-penali applikati mill-Istati Membri ma johlqux effett ta' deterrent suffiċjenti biex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' rapportar tad-DAC2. Il-

Kummissjoni analizzat ir-reġimi ta' penali tal-Istati Membri bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għad-DAC8 u għamlet proposta bħala parti mid-DAC8 biex tintroduċi penali minimi għal reati li għandhom jiġu rrapportati. Madankollu, il-Kunsill ma acçettax din l-emenda.

L-evalwazzjoni tikkonkludi li l-kwistjoni tibqa' rilevanti. Ir-rapport speçjali ta' Novembru 2024 tal-QEA jappoçça din il-konklużjoni. Il-QEA rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha tibda proçedimenti ta' ksur f'każijiet fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li l-Istati Membri qed jimplimentaw sistema ta' penali manifestament inadegwata għal ksur tad-DAC6.

Il-kwalità tad-data tgiebet, iżda l-identifikazzjoni tal-kontribwenti għadha kwistjoni għal xi skambji

Il-kwalità tad-data tgiebet bejn l-2018 u l-2023, speçjalment għad-DAC1 u d-DAC2, u din hija nnotata bħala wieħed mill-aktar żviluppi sinifikanti mill-evalwazzjoni preçedenti. Fir-rigward tad-DAC3 u d-DAC6, il-kwistjoni ewlenija hija l-użu ta' data astratta riçevuta f'format ta' test liberu.

B'mod speçifiku għad-DAC6, l-iskema ta' rapportar ma tawtorizzax l-identifikazzjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE involuti f'arranġament transfruntier. Għalhekk, huwa diffiçli għall-Istati Membri li jaççertaw jekk il-ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE humiex involuti u, jekk iva, li jidentifikawhom.

Minkejja l-progress li sar, għad hemm kwistjonijiet bit-tqabbil tad-data. L-istudju jirrapporta li persentaçġ żgħir (bejn 5 % u 15 % għad-DACs 1-4) tad-data ma jistax jitqabbel. L-inabbiltà li titqabbel id-data tffisser li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa għandhom jitolbu jew jipprovdu feedback manwali lil Stati Membri oħrajn. B'mod sproporzjonat, dan jirrikjedi ħafna riżorsi, jiswa ħafna flus u jżid b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

L-użu tad-data huwa mifruç (filwaqt li mhux sistematiku), iżda l-amministrazzjonijiet għandhom jinżammu aktar responsabbli għal kif tintuża d-data tad-DAC

L-Istati Membri żiedu b'mod sinifikanti l-użu tagħhom tad-data riçevuta skont id-DAC matul il-perjodu ta' evalwazzjoni, iżda s-sitwazzjoni ma hijiex l-istess għad-DACs kollha. L-awtoritajiet tat-taxxa jagħmlu użu estensiv mill-informazzjoni tad-DAC1 u tad-DAC2 biex jistabbilixxu jew jivvalutaw mill-ġdid il-bażijiet tat-taxxa jew jikkorboraw id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-kontribwenti, iżda d-data skambjata skont id-DAC3, id-DAC4 u d-DAC6 hija aktar xierqa għal kompiti ta' analiżi tar-riskju li huma maħsuba biex jidentifikaw l-eżistenza ta' skema ta' evażjoni tat-taxxa.

Kien hemm żieda rrapportata fl-użu tad-data riçevuta, iżda l-Istati Membri ma humiex qed jimmonitorjaw jew jipubblikaw b'mod effettiv l-eżiti li jirriżultaw mill-użu tad-data. Ir-rapport tal-QEA tal-2021 identifika l-ħtieġa li jiżdiedu t-trasparenza u l-viżibbiltà tal-kisbiet u r-riżultati miksuba skont id-DAC. Il-QEA appellat għal qafas komuni tal-UE għall-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni amministrattiva sabiex l-eżiti jitkejlu aħjar. Madankollu, filwaqt li hija mixtieqa aktar trasparenza, huwa mifhum li huwa diffiçli li r-riżultati jiġu attribwiti b'mod akkurat għad-data riçevuta skont id-DAC, prinçipalment minħabba li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali ma jużawx id-data b'mod iżolat. Fil-fatt, id-data ġeneralment tiġi kkombinata u ssupplimentata b'data nazzjonali biex tipprovdi stampa aktar sħiħa tas-sitwazzjoni ta' kontribwent. Pereżempju, il-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri jistgħu

jibnu fuq l-informazzjoni minn sorsi nazzjonali, kif ukoll minn diversi DACs. Il-valutazzjoni tar-riskju nnifisha tista' ma twassalx għal żieda fid-dħul mit-taxxa jew għal xi riżultat kwantifikabbli.

Is-sistemi ta' skambju ta' informazzjoni tal-IT jaħdmu, iżda jeħtieġu allokkazzjoni sinifikanti ta' riżorsi biex jiġihaddmu

B'mod ġenerali, is-sistemi ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma ġewx ikkritikati direttament. Madankollu, il-frekwenza tal-emendi mill-2011 poġġiet pressjoni kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-partijiet ikkonċernati meta ġew biex jistabilixxu u jżommu sistemi ta' rapportar u skambju tal-informazzjoni.

Id-DAC tipprovdi qafas ta' rapportar armonizzat uniku, iżda trid tiġi żviluppata arkitettura tal-IT separata f'kull Stat Membru, u dan jirrikjedi kostijiet u riżorsi sinifikanti għall-partijiet ikkonċernati kollha. Għalhekk, hemm interess qawwi fi trasformazzjoni diġitali komprensiva, bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitnaqqsu l-kostijiet.

4. It-triq 'il quddiem

Abbażi tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u t-tagħlimiet meħuda fl-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni, kif xieraq, se tesplora jew tiegħu, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, l-azzjonijiet li ġejjin biex tkompli ttejjeb il-funzjonament tad-DAC, u b'hekk tiżgura li din tilħaq bis-sħiħ l-oġġettivi tagħha.

Simplifikazzjoni tad-DAC u żgurar tal-applikazzjoni konsistenti tagħha biex jitnaqqas il-piż amministrattiv

Il-ġlieda kontra l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa tibqa' prijorità għolja ħafna fuq l-aġenda tal-Kummissjoni biex tiżgura tassazzjoni ġusta u suq intern li jiffunzjona tajjeb. Madankollu, qafas aktar ċar, aktar sempliċi u aktar koerenti li jiġi interpretat u applikat b'mod konsistenti madwar l-Istati Membri se jtejjeb il-kompetittività tal-UE billi jnaqqas il-piż amministrattiv u jżid iċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati. Tliet miżuri se jgħinu biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

L-ewwel nett, huwa kruċjali li t-testi legali differenti tad-DAC jsiru aktar ċari billi jiġu kkonsolidati.

It-tieni, u fil-kuntest tal-aġenda usa' ta' simplifikazzjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni biex tiżded il-koerenza interna ġenerali tal-qafas legali tad-DAC – billi jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet u l-inkonsistenzi possibbli, u billi jiġu esplorati l-għażliet biex jiġu ssimplifikati jew eliminati l-obbligi ta' rapportar li jistgħu jkunu onerużi bla bżonn.

Fir-rigward tad-DAC6, il-Kummissjoni se tanalizza u tivvaluta bir-reqqa l-ħtieġa għal emendi possibbli, b'mod partikolari għall-karatteristiċi distintivi eżistenti, li jistgħu jiġu ċċarati u ssimplifikati, filwaqt li tiżgura li s-sistema tibqa' robusta fl-oġġettivi tagħha u ma tiddgħajjifx mill-emendi. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll l-vijabbiltà tal-integrazzjoni fil-qafassimplifikat tad-DAC tal-prinċipji u l-kunċetti eżaminati b'mod estensiv mill-Kunsill taħt il-proposta preċedenti tal- [UNSHELL](#).

It-tielet, sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-DAC mill-Istati Membri, il-Kummissjoni (f'kooperazzjoni mal-Istati Membri) se tiżviluppa u mbagħad tippubblika gwida fil-livell tal-UE dwar l-aktar emendi reċenti għad-DAC. Hija se tagħmel dan b'mod aktar sistematiku għal kwalunkwe emenda futura.

Titjib tal-qafas tal-penali għad-DAC

Qafas ta' penali robust huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi ta' rapportar skont id-DAC2, id-DAC4 u d-DAC6. Id-diskrepanzi fil-qafas tal-penali introdott mill-Istati Membri jirriskjaw li jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi u jistgħu jirriżultaw f'applikazzjoni irregolari tad-DAC madwar l-UE.

Sabiex tindirizza din il-kwistjoni, il-Kummissjoni hija lesta li tinvolvi ruħha mal-Istati Membri biex tivvaluta r-reġimi ta' penali fis-seħħ u biex tidentifika modi li bihom dawn jistgħu jittejbu, f'konformità mal-obbligi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Żgurar tal-identifikazzjoni sħiħa tal-kontribwenti permezz ta' numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) tal-UE

Hija meħtieġa ħidma addizzjonali sabiex l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu progress ulterjuri fit-tqabbil tad-data riċevuta permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u jiżguraw identifikazzjoni aktar awtomatizzata tal-kontribwenti. L-għan huwa li tinkiseb rata ta' tqabbil ta' 100 %.

Ir-rwol kruċjali tan-numru ta' identifikazzjoni tal-kontribwent (NIT) fl-identifikazzjoni tal-kontribwenti jfisser li huwa xieraq li jiġi esplorat approċċ aktar ikkoordinat għall-identifikazzjoni tal-kontribwenti fil-livell tal-UE. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni nediet studju dwar soluzzjoni possibbli għall-kwistjoni tan-NIT. L-istudju se jivvaluta l-fattibbiltà legali u teknika kif ukoll il-kostijiet/benefiċċji potenzjali tal-istabbiliment ta' identifikatur komuni (NIT tal-UE), abbażi tan-numri ta' identifikazzjoni eżistenti. L-istudju se jesplora wkoll modi kif tiġi pprovduta għodda ċentralizzata li tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa u lill-operaturi ekonomiċi jivvalidaw il-konformità tan-NIT tal-UE u jivverifikaw l-identità tal-kontribwent b'mod li jużaw inqas riżorsi billi jużaw għodod awtomatizzati.

Żieda fl-użu sistematiku tad-data u żvilupp ta' traċċabbiltà aħjar

L-amministrazzjonijiet tat-taxxa jeħtieġ li jużaw b'mod aktar sistematiku d-data riċevuta skont id-DAC għal proċeduri tat-taxxa domestiċi. Mingħajr użu ta' rutina, il-biċċa l-kbira tal-kostijiet jibqgħu, iżda l-benefiċċji ma jkunux massimizzati.

Xi informazzjoni riċevuta skont id-DAC tintuża biex jimtlew minn qabel id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa. Dan huwa użu rakkomandat tad-data u għandu jiġi mħeġġeġ, iżda jirrikjedi li tiġi riċevuta data ta' kwalità għolja f'waqtha u mekkaniżmu effiċjenti ta' tqabbil. B'mod aktar ġenerali, id-data riċevuta mid-DAC għandha tiddaħħal awtomatikament fis-sistemi nazzjonali ta' analiżi tar-riskju. Dan jirrikjedi titjib fid-disinn għas-sistemi nazzjonali ta' analiżi tar-riskju, filwaqt li jitqiesu l-aħjar Prattiki u jiġu esplorati tekniki u teknoloġiji li jippermettu l-użu f'ħin reali tad-data tad-DAC. Dan

jenfasizza wkoll il-kwalità tal-infrastrutturi tal-IT fl-Istati Membri u l-kapaċità tagħhom li jakkomodaw sistemi bħal dawn.

It-titjib tal-istima tar-riżultati tal-kooperazzjoni amministrattiva fl-UE jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' indikaturi u ħidma ta' segwitu biex titqajjem kuxjenza pubblika. Il-Kummissjoni se tikkunsidra modi kif tagħmel l-użu tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-kejl tal-eżitu tad-DAC1-4 li ġew miftiehma fis-Summit tal-Unjoni Ewropea dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (TADEUS, Tax Administration European Union Summit) aktar vinkolanti. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jiżviluppaw inizzjattivi biex iqajmu kuxjenza dwar ir-rwol u l-eżitu tal-kooperazzjoni amministrattiva (b'mod partikolari l-AEOI).

Ir-rapport annwali dwar l-eżitu tal-kooperazzjoni amministrattiva fit-tassazzjoni diretta għandu jinkludi pubblikazzjoni fil-qosor tal-eżiti u l-impatti tal-użu tad-data skambjata.

Tisħiħ tal-konformità u l-effiċjenza tat-taxxa permezz tat-trasformazzjoni diġitali

It-trasformazzjoni diġitali hija xprunatur importanti biex tittiejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Hija tista' tintuża biex l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tiżdied ulterjorment biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-Istati Membri jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-persuni li jirrapportaw.

Filwaqt li tħares 'il quddiem u bil-ħsieb li tissimplifika u tirrazzjonalizza l-arkitettura eżistenti tal-IT li tappoġġa r-rapportar u l-iskambju ta' informazzjoni skont id-DAC, il-Kummissjoni tista' tesplora l-fattibbiltà u tivvaluta l-kostijiet/benefiċċji tal-iżvilupp ta' approċċ aktar ċentralizzat. Dan jista' jikkonsisti fl-istabbiliment ta' punt ta' aċċess uniku għall-iskambju u, potenzjalment ukoll, għar-rapportar ta' informazzjoni skont id-DAC. Dan jissostitwixxi l-ħtieġa li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiskambjaw l-informazzjoni ta' spiss. Dan jagħmilha wkoll possibbli li jiġu identifikati ċentralment l-entitajiet li jirrapportaw sabiex l-informazzjoni jkollha tiġi rrapportata darba biss.

Tali sistema ċentrali tista' ġġib iffrankar sinifikanti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-entitajiet/persuni li jirrapportaw minħabba li tippermetti ekonomiji ta' skala u razzjonalizzazzjoni tal-investment fl-IT. Din tista' żżid l-aġilità ġenerali tal-qafas ta' rapportar u skambju tal-IT minħabba li l-bidliet jistgħu jiġu implimentati aktar malajr fuq qafas wieħed milli fuq il-qafas tal-IT ta' 27 Stat Membru. Hija tista' wkoll tikkontribwixxi biex jintlaħqu objettivi oħrajn relatati mad-DAC, b'mod partikolari f'termini ta' titjib fil-kwalità tad-data.

5. Konklużjonijiet

Id-DAC tipprovdi qafas legali robust li ffaċilita l-iskambju ta' volumi sostanzjali ta' informazzjoni li qed titqabbel u tintuża dejjem aktar mill-awtoritajiet tat-taxxa (kemm għall-valutazzjoni tar-riskju kif ukoll għall-finijiet ta' kontroll) u rawwem il-konformità volontarja tal-kontribwenti. Id-DAC taħdem b'mod effettiv u effiċjenti, u l-kostijiet assoċjati magħha huma proporzjonati mal-benefiċċji ġġenerati. Id-DAC hija ġeneralment koerenti, għandha valur miżjud meta mqabbla ma' alternattivi nazzjonali u internazzjonali u tibqa' rilevanti ħafna biex jintlaħqu l-objettivi tagħha.

Minkejja l-progress sostanzjali li sar mill-evalwazzjoni preċedenti, għad hemm diversi oqsma fejn għandu jsir aktar xogħol fuq terminu qasir biex jittejjeb ulterjorment il-funzjonament tad-DAC, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji. Dan jista' jinkiseb permezz ta' (i) simplifikazzjoni mfassla tajjeb (mingħajr ma jiġu mminati l-oġettivi tad-DAC); (ii) titjib tal-qafas ta' penali relatat mad-DAC; (iii) iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni awtomatika tad-data tad-DAC mad-data nazzjonali; u (iv) żgurar tal-applikazzjoni konsistenti tad-DAC madwar l-UE. Għandu jitkompla wkoll ix-xogħol sabiex jittejjeb l-użu tad-data u biex titfassal identifikazzjoni robusta u awtomatika tal-kontribwenti.

Fuq perjodu ta' żmien twil, se jkun meħtieġ li jiġi esplorat kif għandhom jiġu razzjonalizzati s-sistemi tal-IT u kif għandha tiġi sfruttata aħjar it-trasformazzjoni diġitali biex tittejjeb l-analiżi tar-riskju, filwaqt li jiġi żgurat ukoll l-iffrankar tal-kostijiet għall-Istati Membri u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji.